MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Talba Numru. 1212/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Nwafteh Maher (K.I. 37839A)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tliet elef, tliet mija tmienja u erbghin ewro u erbgha u tlettin centezmu (€3348.34) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru (AC40088657) skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY1 u IZY 2.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, izda l-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-21 ta’Marzu, 2011 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------